MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2012

Avviz Numru. 503/2010

Malcolm Dato Mallia

Vs

Kummissarju tat-Taxxi Interni

Fl-atti tal Ittra Ufficjali Numru 4504/10 tad-29 ta’ Ottubru 2010

Il Qorti,

Rat ir-rikors ta’ Malcolm Dato Mallia ippresentat fir-Registru fil-25 ta’ Novembru 2010 fejn ippremetta dan li gej:-

*Illi permezz ta’ ittra ufficjali tad-29 ta’ Ottubru 2010, huwa gie interpellat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ai termini ta’ l-Artikolu 60 tal Kapitolu 364, sabiex fi zmien ghaxart*

*ijiem ihallas l-ammont ta’ €8,320 dovuti minnu bhala likwidazzjoni finali u konklussiva ta’ taxxa fuq dokumenti u trasferimenti.*

*Illi r-rikorrent jissottometti li t-talba prezentata fl-istess ittra ufficjali tad-29 ta’ Ottubru 2010 hija infundata fil-fatt u fid-dritt, inter alia, minhabba li l-valutazzjoni tal-propjeta’ in kwistjoni kif ikkalkolata mill-intimat hija zbaljata.*

*Illi, ghal kull buon fini, l-istess rikorrenti qieghed jaghmel il-verifiki necessarji u, jekk ikun il kaz, sejjer jirregolarizza l-posizzjoni tieghu.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, l-esponenti jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni bhala nfondata.*

*Bl-ispejjez u l-imghax, b’riserva ghall-azzjoni ulterjuri.*

Rat id-digriet taghha tat-30 ta’ Dicembru 2010 fejn ordnat in-notifika lill-kontro-parti ghar-risposta skond il-Ligi u ordnat ukoll illi r-rikors jigi apputat ghas-smiegh ghall-udjenza tat-30 ta’ Marzu 2011 fl-10.30.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ppresentata fit 3 ta’ Frar 2011 fejn espona s-segwenti:-

*Illi, in linea preliminarja, din l-Onorabbli Qorti mhijiex vestita bil-kompetenza li tissindika l-quantum tal-likwidazzjoni finali u konklussiva rappresentanti t-taxxa u taxxa addizzjonali kif qieghed jippretendi r-rikorrent fir-rikors promoter, liema sindakar jista’ jsir biss ‘a tempo debito’ skond il-procedura stipulata fil-Kap 364 u cioe tramite Appell lit-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva minn Avviz tar-Rifjut ta’ Oggezzjoni ta’ l-esponent fi zmien tletin gurnata skond l-artikolu 58 tal-Kap 364 u Appell lill Qorti ta’l-Appell fi zmien tletin gurnata ai termini ta’ l-artikolu 59 ta’ l-imsemmi Att.*

*Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-likwidazzjoni finali u konklussiva ta' taxxa u ta' taxxa addizzjonali fuq dokumenti u trasferimenti ai termini tal-Kap 364 tal-Ligijiet ta' Malta hija gusta u skond il-Ligi u dovuta mir-rikorrent fl-intjier taghha.*

*Salv eccezzjoniiet ohra*

*Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.*

Rat illi fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2011, fuq talba tal-partijiet, in vista ta' l-eccezzjoni preliminari ta'l-intimati, il-Qorti ordnat il-kapovolgiment tal-provi fuq l-ewwel eccezzjoni.

Rat l-affidavit ta' Ivan Portelli, bhala *Enforcement Manager* fi hdan id-Dipartiment tat-Taxxi Interni fis-sezzjoni tad-*Duty on Capital Transfers*. Mix-xhieda tieghu jirrizulta illi, is-sezzjoni tad-*Duty on Capital Transfers* irceviet dikjarazzjoni dwar trasferiment bejn Robert Ellul, bhala venditrici, u Malcolm Dato Mallia bhala kompratur ta' bicca art gewwa Triq Patri Guze Elia, Balzan fit-3 ta' Lulju 2009, fejn il-valur gie stmat versu il-valur ta' €58,234.33. Sussegwentement, fit-13 ta' Novembru 2009, id-Dipartiment baghat Avviz ta' Likwidazzjoni Nru IV 111529 ghat- taxxa addizzjonali dovuta fl-ammont ta' €8,320, liema avviz intbghatet bil-posta registrata gewwa 320, Townsquare, Qui Si Sana, Sliema. Wara tali Avviz, ma sar ebda oggezzjoni mir-rikorrent Dato Mallia. Id-Dipartiment baghat zewgt Ittri ghall- sejha ghall-hlas fl-14 ta' Jannar 2010 u fit-2 ta' Marzu 2010, izda baqa ma sar la oggezzjoni u lanqas hlas.

Rat illi, fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2011, l-intimat ipprezenta tlett dokumenti li jindikaw li, fir-Registru

Elettorali ta’ Ottubru 2009, ir-rikorrent Malcolm Dato Mallia kien registrat illi joqghod 320, Townsquare, Qui Si Sana, Sliema u li huwa gie hemm notifikat bl-avviz IV111529 fl-20 ta’ Novembru 2009, jigifieri gimgha wara illi ntbghatet l-ittra.

Rat illi r-rikorrent la qatt deher il-Qorti u qatt ma pprezenta il-provi tieghu dwar l-ewwel eccezzjoni kif ordnat mill-Qorti fil-verbal taghha ta’l-14 ta’ Gunju 2011.

Rat illi fil-21 ta’ Ottubru 2011, il-Qorti iddifferiet il-kaz ghas-sentenza abbazi ta’l- ewwel eccezzjoni imressqa mill-intimat.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi prodotti quddiemha, jirrizulta ampjament ippruvat illi fid-data meta inharget in-Notifka ta’ Likwidazzjoni Nru IV111529, ossija fit-13 ta’ Novembru 2009, ir-rikorrent kien qieghed jghix 320, Townsquare, Qui Si Sana, Sliema, u dana kif jidher mil-estratt tar-Registru Elettoral datat Ottubru 2009 ipprezentat bhala Dok IP4.

Jirrizulta wkoll ampjament ippruvat illi l-imsemmija Notifika ta’ Likwidazzjoni intbghata permezz ta’ Posta Registrata Nru RR508113191MT u tali ittra wasslet fir-residenza tar-rikorrenti fl-20 ta’ Novembru 2009 fit-3.36.14 PM skond ir-records tal- Maltapost Limited, ipprezentat bhala Dok IP2.

Illi, skond ix-xhieda tar-rapprezentant ta’l-intimati, Ivan Portelli, mhux kontradetta, ma dahhlet oggezzjoni dwar il-likwidazzjoni skond l-Artikolu 56 tal-Kap 364 fi zmien tletin jum min-notifika, jigifieri sa’l-20 ta’ Dicembru 2009 b’mod illi, a tenur ta’l- Artikolu 60 ta’l-istess Kap 364, il-likwidazzjoni kienet wahda finali u konklussiva.

Illi ghalhekk jidher car illi, minhabba fl-inadempjenza tar-rikorrent milli jressaq l-oggezzjonijiet tieghu fiz-zmien moghti lilu mill-Ligi, il-likwidazzjoni tat-taxxa addizzjonali saret wahda finali kontra ir-rikorrent.

Illi jidher ukoll illi l-azzjoni odjerna ma hija xejn aktar milli tentattiv ahhari minn naha tar-rikorrent milli jwaqqaf process mibdi kontra tieghu u li fih qieghed jigi lilu mitlub li jhallas dak minnu dovut wara illi r-rikorrent naqas milli juza il-mezzi disponibbli ghalih biex jikkontesta il-pagament lilu rikjest.

**Konkluzjonijiet**

Illi jidher car illi r-rikorrent naqas milli juzufruwixxi mir-rimedji spettanti mill-Ligi sabiex jikkontesta il-kont ta'l-intimat illi, skond ir-rikorrent, kienet kalkolata b'mod zbaljat.

Illi l-kontestazzjonijiet minnu mressqa messhom saru quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva u mhux quddiem din il-Qorti.

Ghalhekk, il-Qorti qieghda tiddikjara li t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi rifjutata filwaqt illi tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta'l-intimat.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------